# KULLEĠĠ T'GĦAWDEX

## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2011

**Sena: 4** **Malti (Kitba)** **Ħin: Siegħa u kwart**

**Total tal-marki**



**<u>Aqra sewwa din s-silta:</u>**



## <u>Il-Giddieb</u>

L-għalliema tar-raba' sena bdiet titkellem dwar Pinokkju, il-ġugarell tal-injam li kien jikbirlu mnieħru meta jigdeb. It-tfal ftakru li ankè waqt il-lezzjoni tar-Reliġjon u tal-PSD kienu tgħallmu dwar l-importanza li dejjem tkun sinċier. Kulħadd tgħallem li kienet xi ħaġa ħażina li tigdeb. Iżda min ikollu vizzju ħażin diffiċċli jaqtgħu. Hekk ġralu darba Mario. *(par. 1)*

Darba Mario seraq il-lapes ta' Toni. Xi jumejn wara Toni induna li l-lapes tiegħu kien għand Mario. Iżda Mario xejn ma ddejjaq. Qallu li sabu mal-art u ħasbu tiegħu. Darb'oħra Mario ħalla l-vit tal-ilma miftuħ u meta l-għalliema ndunat, qalilha li kien Luca li ħallih miftuħ. Miskin Luca, weħel hu u ħa kastig minħabba l-gidba ta' Mario! *(par.2)*

Mario nqabad jigdeb ħafna drabi u ħadd ma baqa' jemmnu. Darba, it-tfal u l-għalliema, kienu sejrin ħarġa. Kien żmien il-Milied u kienu sejrin jaraw Presepju Ħaj. Qabel ħarġu l-għalliema ġabret ix-xogħol tad-dar li kienet tat lit-tfal ġurnata qabel. Mario kien għamlu iżda bi żball kien ħalla l-pitazz d-dar. *(par. 3)*

Għalxejn Mario qal li x-xogħol kien għamlu. Kemm l-għalliema kif ukoll s-Surmast m'emmnuhx. Ħasbu li kien qed jigdeb bħas-soltu! Kulħadd mar l-ħarġa ħlief Mario. Baqa' l-iskola bħala kastig. Mario tgħallem żewġ affarijiet dakinhar: li għandu dejjem jara li jġib kull ma jkun hemm bżonn l-iskola, kif ukoll li aħjar jieqaf jigdeb ħalli meta jgħid xi ħaġa li tkun vera kulħadd jemmnu. *(par. 4)*

**A. <u>Ħożż sing taħt il-kelma t-tajba:</u> (5 marki)**

1. L-għalliema kellmet lit-tfal dwar (il-ġuħ, il-gideb, il-kesħa).
2. Pinokkju kien (tal-injam, tat-tafal, tal-plastik).
3. Mario kien tifel (giddieb, għażżien, edukat).
4. (Paul, Mark, Luca) laqqat kastig minħabba l-gidba ta' Mario.
5. It-tfal marru ħarġa fi żmien (l-Għid, il-Milied, il-Karnival).

B. **Wieġeb dawn il-mistoqsijiet f'sentenzi sħaħ.**
*(n. 1-6 marka kull waħda, n.7, 2 marki. Total 8 marki).*

1. Meta kien jikbirlu mnieħru lil Pinokkju? *(par. 1)*

______________________________________________

2. It-tfal f'liema lezzjonijiet kienu tkellmu dwar l-importanza li tkun sinċier? *(par. 1)*

______________________________________________

______________________________________________

3. Darba Mario seraq il-lapes ta' Toni. Xi skuża ġablu lil Toni meta dan induna li l-lapes kien seraqhulu hu? *(par. 2)*

______________________________________________

______________________________________________

4. Min kien it-tifel li laqqat kastig minħabba l-gidba ta' Mario? *(par. 2)*

______________________________________________

5. Fejn kienu sejrin it-tfal flimkien mal-għalliema? *(par. 3)*

______________________________________________

6. X'kien il-kastig li ħa Mario? *(par. 4)*

______________________________________________

7. X'tgħallem Mario dakinhar? *(par.4)*

______________________________________________

______________________________________________

Ċ. **Mis-silta sib kelma waħda li tfisser:** **(2 marki)**

1. Jgħid il-verita': ____________________________ *(par.1)*
2. Kap tal-iskola: ____________________________ *(par.4)*



**D.** **Daħħal l-artiklu fil-vojt:** **(5 marki)**
**Ara l-eżempju.**

David, **it**-tifel tal-ġara, qagħad bilqiegħda ħdejn _____ tieqa, fuq _____ siġġu ______ abjad, waqt li qagħad jaqra _____ ktieb li sab fuq _____ skrivanija ta' missieru.

**E.** **Aqleb dawn is-sentenzi fin-negattiv:** **(5 marki)**

**Eżempju:** Ilbieraħ **ma mortx** l-iskola għax kelli d-deni.

1. Iż-żiemel xorob mill-għajn.
1. ______________________________________________
2. Il-kelb jinbaħ il-lejl kollu.
2. ______________________________________________
3. Is-sajjied qabad ammont kbir ta' lampuki.
3. ______________________________________________
4. Il-ħalliel seraq ċurkett sabiħ mill-ħanut tad-deheb.
4. ______________________________________________
5. Nilagħbu magħhom kuljum wara l-iskola.
5. ______________________________________________

**F.** **<u>Oħroġ nomi mill-verbi</u>:** **(5 marki)**

**Eżempju**: Pawlu żelaq <u>żelqa</u> u sħabu daħku bih.

1. Toni ħabat __________ sieq].qu mal-mejda.
2. X'ħin kont niekol gdimt __________ lsieni.
3. Marija xorbot __________ luminata friska.
4. Il-familja Grech siefru __________ sa Londra.
5. Wara ġurnata xogħol raqdu __________ twila.

**Ġ.** **<u>Poġġi *aġġettiv* tajjeb fil-vojt</u>:** **(5 marki)**

**Eżempju:** Ix-xjentist **<u>bravu</u>** għamel esperiment fil-laboratorju.

1. Peter u Elena xtraw ġelat __________ minn ħdejn il-baħar.
2. Kien hemm ħafna nies jgħumu fil-baħar __________.
3. Tonina xtrat ftit laħam __________ mingħand tal-laħam.
4. Iz-ziju Pawl għandu ħafna għelieqi __________ madwar id-dar tiegħu.
5. Tuffieħa fiha ħafna vitamini __________ għas-saħħa.

**G. Għidilhom x'għandhom jagħmlu *(kmand)*:** **(5 marki)**

**Eżempju:** Il-pazjent qal lin-ners, '(Ġab) **Ġib** tazza ilma ħalli nieħu l-pilloli.'

1. Nicole, __________ (qabad) il-basket ħalli tmur l-iskola.
2. Tfal, __________ (resaq) hawnhekk ħalli nkellimkom.
3. Ibda __________ (libes) għax sar il-ħin.
4. ___________ (ħaseb) sew qabel ma titkellem.
5. Dejjem __________ (ħasel) idejkom qabel ma tibdew tieklu.

**Għ. Agħti l-*mamma* u l-*għerq* ta' dawn il-verbi:** **(10 marki)**

| **Verb** | **Mamma** | **Għerq** |
|---|---|---|
| **jaħdmu** | **ħadem** | **ħ-d-m** |
| norbtu | | |
| titolbu | | |
| tidħak | | |
| ġbidna | | |
| jaqbeż | | |

## H. <u>Oħroġ verb fil-*Passat* mill-kelma li hemm fil-parentesi</u>:

**(5 marki)**

**Eżempju:** Huma **<u>ġabru</u>** (ġabar) l-kotba f'posthom.

1. Leah u Peter __________ (qabeż) fil-baħar.
2. Ġannina __________ (xtara) is-suf.
3. Jiena __________ (għamel) is-somom kollha.
4. Ċetta __________ (libes) libsa ġdida għall-festa.
5. Tgħidx kemm __________ (ħadem) biex ilestu x-xogħol kmieni.

## Ħ. <u>Qiegħed fil-*femminil*</u>.

**Eżempju:** patri – **soru** **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| għarus | | għalliem | |
| tifel | | tabib | |
| iben | | xiħ | |
| sinjur | | qattus | |
| missier | | seftur | |

I. **Imla l-vojt biex tifforma *Nomi Kollettivi*:** **(5 marki)**

**Eżempju:** Rajt **ferħ** naħal idur mas-siġra.

1. In-nannu kiel __________ għeneb.
2. Fis-sqaq kien hemm __________ ġebel.
3. X'ħin kont fuq l-ajruplan rajt __________ siġar.
4. Ginger, il-qattus iħobb jilgħab b' xi __________ suf.
5. Il-kuġina rat __________ nemel fil-kċina.

J. Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn **GĦAXAR SENTENZI** dwar **WIEĦED** minn dawn l-erbgħa li ġejjin: (20 marka)

1. Il-Ħabib ***jew*** Ħabiba tiegħi.
2. **Immaġina li int annimal**
   (Għid x'annimal int u ikteb dwar il-ħajja tiegħek).
3. Darba waħda l-kuġin u jien konna fil-kampanja, smajna ħoss stramb u meta ħarisna lura rajna............... **Kompli l-istorja.**

4. **Ħruq fid-dar**.

Uża l-istampi t'hawn taħt biex tikteb storja.

*(Dawn il-kliem jistgħu jgħinuk: riħa ta' ħruq, twerwer, ġera kemm felaħ, ċempel għall-għajnuna, pumpieri, tfew in-nar*)

**1**




**2**





**3**



**4**